

# Il-Ġurnal Uffiċjali C 241

## tal-Unjoni Ewropea



Volum 64

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

21 ta' Ġunju 2021

Werrej

### II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2021/C 241/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10203 — PSA/Felbermayr/PSA Breakbulk/Coil Terminal) <sup>(1)</sup> .....	1
2021/C 241/02	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10275 — SMFL/Yanmar/Yanmar Credit) <sup>(1)</sup> .....	2

### IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### **il-Kunsill**

2021/C 241/03	Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar tisħiħ tal-governanza f'diversi livelli fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet .....	3
2021/C 241/04	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Teknoloġiji tad-Data għal Titjib tar-“Regolamentazzjoni Aħjar” .....	13

#### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2021/C 241/05	Rata tal-kambju tal-euro — It-18 ta' Ġunju 2021 .....	16
2021/C 241/06	Avviż tal-Kummissjoni dwar ir-rati ta' interess ta' rkupru tal-ghajjnuna mill-Istat u r-rati ta' referenza / ta' skont applikabbli mill-1 ta' Lulju 2021 (Ippubblikat f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE ) Nru 794 /2004 tal-21 ta' April 2004) .....	17

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2021/C 241/07	Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10264 — SoftBank/Altor Fund Manager/Iyuno) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata <sup>(1)</sup> .....	18
2021/C 241/08	Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10250 — Accor/Keys/Hotel Portfolio) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata <sup>(1)</sup> .....	20

---

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

## II

*(Komunikazzjonijiet)*KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U  
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata****(Il-Każ M.10203 — PSA/Felbermayr/PSA Breakbulk/Coil Terminal)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 241/01)

Fit 11 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32021M10203. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

---

(<sup>1</sup>) ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**  
**(Il-Każ M.10275 — SMFL/Yanmar/Yanmar Credit)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 241/02)

Fit 11 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup>. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32021M10275. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

## IV

*(Informazzjoni)*INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUNSILL

**Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill  
dwar tisħiħ tal-governanza f'diversi livelli fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-  
proċessi tat-tehdid tad-deċiżjonijiet**

(2021/C 241/03)

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGħIN FIL-KUNSILL

WAQT LI JFAKKRU LI:

1. L-Artikolu 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi azzjoni tal-Unjoni Ewropea maħsuba biex tħeġġeġ liż-żgħażaġh jipparteċipaw fil-ħajja demokratika fl-Ewropa.
2. L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddikjara li "l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi". L-Artikolu 10(3) jagħraf id-dritt ta' kull ċittadin li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni Ewropea.
3. L-Artikoli 11 u 12 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jiddikjaraw li kulħadd għandu d-dritt għal-libertà tal-espressjoni, ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni. L-Artikolu 24 jiddikjara li t-tfal jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom liberament u jistipula li daww il-fehmiet għandhom jiġu kkunsidrati f'materji li jirrigwardawhom skont l-età u l-maturità tagħhom.
4. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 <sup>(1)</sup> tirreferi għall-importanza tal-appoġġ għall-impenn soċjali u ċiviku u għandha l-għan li tiżgura li ż-żgħażaġh kollha jkollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jieħdu sehem fis-soċjetà. Ir-Riżoluzzjoni tagħraf ukoll il-parteċipazzjoni <sup>(2)</sup> u d-dimensjonijiet globali, Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali <sup>(3)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU C 456, 18.12.2018, p. 1.

<sup>(2)</sup> "Ir-rikonoxximent li ż-żgħażaġh kollha huma riżors għas-soċjetà, il-politiki u l-attivitatijiet kollha li jikkonċernaw iż-żgħażaġh għandhom iżommu d-dritt taż-żgħażaġh li jipparteċipaw fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u s-segwitu tal-politiki li jaffettwawhom permezz ta' parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh. F'dan il-kuntest, il-politiki għandhom jifasslu b'rikonoxximent tal-bidliet li ġabet magħha l-komunikazzjoni diġitali li taffettwa l-parteċipazzjoni demokratika u ċivika."

<sup>(3)</sup> "Sabiex jiġi żgurat impatt sostenibbli fuq iż-żgħażaġh, huwa importanti li l-politika tal-UE dwar iż-żgħażaġh tiġi implimentata bil-ħsieb tal-interkonnnessjonijiet mal-livelli reġjonali u lokali u li l-attivitatijiet jitmexxew biex jappoġġaw politiki dwar iż-żgħażaġh fil-livell lokali. Fl-istess ħin, l-ilħna taż-żgħażaġh għandhom jitqiesu kull meta jkunu indirizzati kwistjonijiet globali."

5. L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli <sup>(4)</sup> tan-Nazzjonijiet Uniti tidentifika ż-żgħażaġh bħala aġenti attivi tal-iżvilupp sostenibbli; il-Programm ta' Azzjoni Dinji għaż-Żgħażaġħ tan-Nazzjonijiet Uniti <sup>(5)</sup> jħeġġeġ parteċipazzjoni sħiħa u effettiva għaż-żgħażaġh fil-ħajja tas-soċjeta.
6. Il-Karta Ewropea dwar il-Parteċipazzjoni taż-Żgħażaġħ fil-ħajja Lokali u Reġionali <sup>(6)</sup> tal-Kunsill tal-Ewropa tenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ l-aċċess taż-żgħażaġh għat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet u l-libertajiet tagħhom, b'mod partikolari b'rabta mal-parteċipazzjoni.
7. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trawwim tal-kuxjenza demokratika u l-involvement demokratiku fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa <sup>(7)</sup> jagħrfu li ż-żgħażaġh kollha għandhom jingħataw il-kapaċità li jipparteċipaw b'mod sinifikattiv fid-deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet kollha li jikkonċernawhom. Huma għandhom id-dritt għal-libertà tal-espressjoni, l-aċċess għall-informazzjoni, u li jkunu protetti mid-diskriminazzjoni.
8. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol taż-żgħażaġh fil-bini ta' soċjeta sikura, koeżiva u armonjuża fl-Ewropa <sup>(8)</sup> isemmu li ż-żgħażaġh huma innovaturi u aġenti tal-bidla u li l-kontributi tagħhom għandhom jiġu attivament appoġġati, inkoraġġuti u meqjusa bħala essenzjali fil-bini ta' soċjeta paċifika u fl-appoġġ tal-governanza demokratika.
9. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni politika taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika fl-Ewropa <sup>(9)</sup> u r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-inkoraġġiment ta' forum ġodda u effettivi ta' parteċipazzjoni taż-żgħażaġh kollha fil-ħajja demokratika fl-Ewropa <sup>(10)</sup> jsaħħu d-dimensjoni ġenerali taż-żgħażaġh u jenfasizzaw l-importanza tal-promozzjoni ta' parteċipazzjoni attiva u responsabbli taż-żgħażaġh fil-iżvilupp ta' politiki li jaffettwaw il-ħajja taż-żgħażaġh.
10. L-istħarriġ tal-Ewrobarometru Flash tal-2019 dwar iż-żgħażaġh <sup>(11)</sup> jindika li ż-żgħażaġh huma attivi ħafna fil-ħajja demokratika, u li l-livelli ta' parteċipazzjoni qed jiżdiedu, bi tliet kwarti taż-żgħażaġh li ħadu sehem fl-istħarriġ iwiegħu li kienu impenjati f'xi forma ta' moviment organizzat.
11. L-istudju dwar ix-xenarju tar-rappreżentanza taż-żgħażaġh fl-UE <sup>(12)</sup> jissuġġerixxi li s-settur taż-żgħażaġh tal-UE qed jikkber, u li l-istrutturi tradizzjonali taż-żgħażaġh bħall-NGOs u n-networks għad għandhom rwol importanti; jidentifika wkoll il-ħtieġa għal spazji aktar varjati u flessibbli għall-parteċipazzjoni.

WAQT LI JAGħRFU LI:

12. Għalkemm sar progress sinifikanti, iż-żgħażaġh għad għandhom inqas opportunitajiet biex jipparteċipaw, huma sottorappreżentati fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u jħabbtu wiċċhom ma' għadd ta' sfidi li ġew aċċentwati mill-pandemija tal-COVID-19. L-isfidi ewlenin <sup>(13)</sup> li ždieđu fost iż-żgħażaġh f'pożizzjonijiet vulnerabbli jinkludu riskju oġhla ta' qgħad, prekarjeta tax-xogħol, faqar, esklużjoni, marġinalizzazzjoni, diskriminazzjoni u inugwaljanza, investment insuffiċjenti fil-iżvilupp tal-ħiliet, u l-impatti fuq is-saħħa mentali tagħhom.

<sup>(4)</sup> [https://www.un.org/ga/search/view\\_doc.asp?symbol=A/RES/70/1&Lang=E](https://www.un.org/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/RES/70/1&Lang=E)

<sup>(5)</sup> <https://www.un.org/development/desa/youth/world-programme-of-action-for-youth.html>

<sup>(6)</sup> 1992, Karta Ewropea riveduta dwar il-Parteċipazzjoni taż-Żgħażaġħ fil-ħajja Lokali u Reġionali, 2003 u 2015.

<sup>(7)</sup> ĠU C 415, 1.12.2020, p. 16.

<sup>(8)</sup> ĠU C 195, 7.6.2018, p. 13.

<sup>(9)</sup> ĠU C 417, 15.12.2015, p. 10.

<sup>(10)</sup> ĠU C 169, 9.6.2011, p. 1.

<sup>(11)</sup> Ewrobarometru Flash 478: Kif nibnu Ewropa aktar b'saħħitha u aktar magħquda? Il-fehmiet taż-żgħażaġh, [https://data.europa.eu/euodp/fr/data/dataset/S2224\\_478\\_ENG](https://data.europa.eu/euodp/fr/data/dataset/S2224_478_ENG)

<sup>(12)</sup> Study on the landscape of youth representation in the EU (Studju dwar ix-xenarju tar-rappreżentanza taż-żgħażaġh fl-UE), 2019, <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/57e87ca0-900d-11ea-812f-01aa75ed71a1/language-en/format-PDF/source-search>

<sup>(13)</sup> Partnership between the EU and the CoE in the field of youth, "Towards a better understanding of the impact of Covid-19 on the youth sector" (Shubija bejn l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa fil-qasam taż-żgħażaġh, "Lejn fehim aħjar tal-impatt tal-Covid-19 fuq is-settur taż-żgħażaġh"), <https://pjp-eu.coe.int/documents/42128013/72351197/Summary+13+Oct+2020.pdf/c8808ff7-25be-f7f9-3504-b2a189a64bd0>; Parlament Ewropew, "COVID-19: MEPs ask to prevent lasting damage on youth and on sport" (COVID-19: il-membri tal-PE jitolbu biex ma tithalliex issir ħsara dejjiema liż-żgħażaġh u lill-isport) (Janar 2021) <https://www.europarl.europa.eu/news/en/press-room/20210122IPR96224/covid-19-meps-ask-to-prevent-lasting-damage-on-youth-and-on-sport>; OECD Policy Responses to Coronavirus (COVID-19) (Risposti Strateġiċi tal-OECD għall-Coronavirus), "Youth and COVID-19: Response, recovery and resilience" (Iż-żgħażaġh u l-COVID-19: Rispons, irkupru u reżiljenza) (Ġunju 2020), <https://www.oecd.org/coronavirus/policy-responses/youth-and-covid-19-response-recovery-and-resilience-c40e61c6/>; ILO, Youth employment (Impjieġ taż-żgħażaġh), <https://www.ilo.org/global/topics/youth-employment/lang-en/index.htm>.

13. Il-vulnerabbiltà li qed tiżdied taż-żgħażaġh hija marbuta ma' nuqqas ta' ugwajlanza fl-aċċess għal edukazzjoni u taħriġ formali rawwima, taġħlim u opportunitajiet mhux formali u informali, sovrarappreżentanza f'xogħol mhux standard u aċċess insuffiċjenti għal protezzjoni soċjali, li għandhom effett strutturali fuq il-ħajja, l-emanċipazzjoni u t-tranżizzjoni għall-awtonomija taż-żgħażaġh, b'mod partikolari fejn jidħol aċċess għall-akkomodazzjoni, kundizzjonijiet tal-ġhajxien ġusti, kura tas-saħħa u impjegii deċenti.
14. Hemm hteġa urġenti li ż-żgħażaġh jingħataw edukazzjoni ta' kwalità dwar iċ-ċittadinanza li rawwim valuri demokratiċi u li jissaħħu b'ħiliet ta' litteriżmu fl-informazzjoni u fil-media sabiex ikunu kapaċi jifhmu l-kuntesti politiċi u tas-soċjetà, jaġħrfu t-theddidiet tad-diżinformazzjoni, il-polarizzazzjoni u l-propaganda kif ukoll li jkunu informati b'mod sħiħ u liberu biex jaġħmlu l-ġhajzliet u jieħdu d-deċizzjonijiet rilevanti.
15. L-Aġenda Strateġika l-ġdida tal-Kunsill Ewropew għall-2019-2024 <sup>(14)</sup> u l-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2021 <sup>(15)</sup> jaġħrfu r-rwol taż-żgħażaġh fil-bini ta' Ewropa b'impatt newtrali fuq il-klima, ekoloġika, ġusta, diġitali u soċjali, fil-promozzjoni ta' xejriet sostenibbli ta' konsum u produzzjoni, u fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima.
16. It-taġħlim mhux formali u t-taġħlim informali għandhom rwol importanti, pereżempju fi kwistjonijiet ċiviċi u fil-parteċipazzjoni; huma integrati fl-Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ <sup>(16)</sup>; u għandhom l-għan li jsaħħu u jiżviluppaw il-kooperazzjoni bejn id-diversi atturi involuti fil-ħidma fost iż-żgħażaġh f'għadd ta' oqsma, f'konformità mal-"Proċess ta' Bonn" u l-implimentazzjoni ta' qafas strateġiku għall-iżvilupp tal-ħidma fost iż-żgħażaġh <sup>(17)</sup>.

## IQISU LI:

17. Iż-żgħażaġh jaġħtu kontributi essenzjali għall-iżvilupp ulterjuri tas-soċjetà. Deċizzjonijiet meħuda llum jaffettwaw l-hom ħajjithom kemm issa kif ukoll fil-ġejjieni. Iż-żgħażaġh huma affettwati minn kwistjonijiet li huma transsettorjali u marbuta mal-aġenda politika kollha, u għalhekk l-impenn u l-involviment taġħhom biex jinstabu tweġbiet għall-isfidi tas-soċjetà, ambjentali, diġitali, ekonomiċi, kulturali u politiċi huma essenzjali sabiex jitrawwem il-prinċipju demokratiku tar-rappreżentanza. Dan għandu jippermetti liż-żgħażaġh jieħdu ħsieb ħajjithom stess, jitgħallmu, ikollhom vuċi fil-bini ta' soċjetajiet reżiljenti, koeżivi, inklużivi, b'impatt newtrali fuq il-klima, għonja, ġusti u sostenibbli, u jikkontribwixxi għall-irkupru tal-Ewropa fil-kuntest ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi kbira, bħall-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll għat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika.
18. Għal approċċ effettiv għall-governanza f'diversi livelli <sup>(18)</sup> fil-qasam taż-żgħażaġh, u b'mod partikolari l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh, huwa importanti li jingħata appoġġ għall-istabbiliment u l-iżvilupp tar-rappreżentanza taż-żgħażaġh fil-livelli kollha <sup>(19)</sup>, li jingħaraf id-dritt taż-żgħażaġh li jorganizzaw lilhom infushom u jipparteċipaw u li jingħataw il-kapaċità li jaġħmlu dan. Ir-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet u l-istrutturi taż-żgħażaġh u l-appoġġ għalihom, li jiżguraw ambjent favorevoli fil-livelli kollha, huma indispensabbli għall-parteċipazzjoni effettiva, sinifikattiva u sostenibbli taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċizzjonijiet.
19. L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 <sup>(20)</sup> tirreferi għall-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika, tappoġġa l-impenn soċjali u ċiviku u għandha l-għan li tiżgura li ż-żgħażaġh kollha jkollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jieħdu sehem fis-soċjetà, filwaqt li tenfasizza t-tweġtq tal-viżjoni u l-għanijiet taż-żgħażaġh għall-Ewropa permezz tal-mobilizzazzjoni ta' strumenti ta' politika fil-livell tal-UE kif ukoll azzjonijiet fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali mill-partijiet konċernati kollha.

<sup>(14)</sup> <https://www.consilium.europa.eu/media/39914/a-new-strategic-agenda-2019-2024.pdf>  
<https://www.consilium.europa.eu/media/39914/a-new-strategic-agenda-2019-2024.pdf>

<sup>(15)</sup> [https://ec.europa.eu/info/publications/2021-commission-work-programme-key-documents\\_en](https://ec.europa.eu/info/publications/2021-commission-work-programme-key-documents_en)

<sup>(16)</sup> Resolution on the Framework for establishing a European Youth Work Agenda (2020/C415/01), [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.C\\_.2020.415.01.0001.01.MLT&toc=O%3AC%3A2020%3A415%3ATOC](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.C_.2020.415.01.0001.01.MLT&toc=O%3AC%3A2020%3A415%3ATOC)

<sup>(17)</sup> It-Tielet Konvenzjoni Ewropea dwar il-Hidma fost iż-Żgħażaġh, Dikjarazzjoni Finali  
[https://www.eywc2020.eu/downloads/doctrine/WebforumVeranstaltungenWebsiteBundle:Media-file-54/EN\\_3rd%20EYWC\\_final%20Declaration.pdf](https://www.eywc2020.eu/downloads/doctrine/WebforumVeranstaltungenWebsiteBundle:Media-file-54/EN_3rd%20EYWC_final%20Declaration.pdf)

<sup>(18)</sup> Ara d-definizzjoni fl-Anness.

<sup>(19)</sup> Ara d-definizzjoni fl-Anness.

<sup>(20)</sup> ĠU C 456, 18.12.2018, p. 1.

20. Il-11-il Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ <sup>(21)</sup> jiffukaw fuq il-viżjoni taż-żgħażaġh għall-Ewropa, jidentifikaw oqsma transsettorjali li jaffettwaw il-ħajja taż-żgħażaġh, u jirriflettu prijoritajiet li huma importanti għalihom, inkluż il-parteċipazzjoni stess taż-żgħażaġh fl-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #9, "Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd".
21. Il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh tfisser li jeżerċitaw drittijiet u jkollhom opportunitajiet, aċċess ugwali, appoġġ u responsabbiltà sabiex jipparteċipaw u jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet, u li jkunu involuti sistematikament f'azzjonijiet u attivitajiet li jgħinu biex tissaħħaħ soċjetà bbażata fuq il-valuri tal-UE.
22. Il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh tfisser ukoll li ma jibqax jiċkien l-isparju għas-soċjetà ċivili, li għandu impatt sostanzjali fuq il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u joħloq aktar sfidi għaż-żgħażaġh, l-organizzazzjonijiet u l-istrutturi taż-żgħażaġh, u min jaħdem maż-żgħażaġh.
23. Id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ <sup>(22)</sup> kien strumentali matul l-aħħar 10 snin biex iħeġġeġ il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-livelli kollha, permezz tal-involvement ta' kunsilli taż-żgħażaġh, gruppi ta' ħidma nazzjonali u partijiet konċernati oħra b'rabta maż-żgħażaġh, filwaqt li ppromwova djalogu strutturali ma' atturi rilevanti li jieħdu d-deċiżjonijiet. Il-partijiet konċernati tas-soċjetà ċivili fil-qasam taż-żgħażaġh, b'mod partikolari l-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ, l-organizzazzjonijiet internazzjonali mhux governattivi taż-żgħażaġh u l-kunsilli nazzjonali taż-żgħażaġh, taw kontribut siewi lir-rappreżentanza taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell tal-UE, fost oħrajn permezz tal-Konferenzi tal-Unjoni Ewropea dwar iż-Żgħażaġħ.
24. Il-governanza tal-politika dwar iż-żgħażaġh tvarja fost l-Istati Membri tal-UE, minħabba l-kuntesti politiċi, kulturali, storiċi, soċjetali u ġeografiċi differenti tagħhom. Dawn għandhom oqfsa differenti (eż. il-qafas legali għall-iżvilupp tal-politika dwar iż-żgħażaġh, ir-rwol tal-korpi eletti / l-istrutturi leġiżlattivi, jew is-suġġetti koperti mill-politiki dwar iż-żgħażaġh), kif ukoll mudelli differenti ta' implimentazzjoni (eż. koordinazzjoni orizzontali, vertikali jew transsettorjali, setgħat ta' implimentazzjoni fl-livelli differenti ta' amministrazzjoni pubblika) <sup>(23)</sup>.
25. Iż-żgħażaġh, bil-modi tagħhom ta' espressjoni f'firxa wiesgħa u varjata ta' forum u kuntesti ġeografiċi, huma s-sisien li fuqhom huma bbażati r-rappreżentanza u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh. Dawn il-forom jinkludu organizzazzjonijiet u gruppi mhux formali, minn ambjenti urbani sa żoni rurali u remoti <sup>(24)</sup>, strutturi ta' ħidma fost iż-żgħażaġh, kunsilli taż-żgħażaġh u organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fil-livelli kollha, kif ukoll individwi żgħażaġh li mhumiex parti minn strutturi jew organizzazzjonijiet eżistenti.

#### JENFASIZZAW LI:

26. Huwa essenzjali li iż-żgħażaġh kollha jkollhom opportunitajiet indaqs għall-parteċipazzjoni, l-involvement u l-awtonomizzazzjoni fil-proċessi rilevanti tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livelli kollha. Dik il-parteċipazzjoni hija importanti mhux biss għall-kwalità tal-politika dwar iż-żgħażaġh, iżda wkoll għall-politiki trasversali l-oħra kollha li jaffettwaw liż-żgħażaġh. Tikkonċerna l-iżvilupp personali, soċjali, kulturali u intellettuali taż-żgħażaġh u t-tranżizzjoni tagħhom għall-ħajja adulta <sup>(25)</sup>.
27. Il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh tiġġenera sens ta' appartenenza, ċittadinanza u solidarjetà, u tirrendi l-proċessi tal-politiki aktar trasparenti u responsabbli fir-rigward taż-żgħażaġh. Fl-istess ħin, il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh tagħtihom is-setgħa u tghinjom jiżviluppaw fiduċja fihom infushom u sens ta' inizzjattiva, sjieda u responsabbiltà, u b'hekk tippermettilhom jiksbu u jiżviluppaw l-esperjenza u l-ħiliet rilevanti għall-ħajja demokratika u professjonali tagħhom, f'oqsma bħall-ħsieb kritiku, il-komunikazzjoni, in-negożjar u l-ispiritu ta' tim.
28. L-integrazzjoni tal-governanza f'diversi livelli waqt il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet trawwem soċjetajiet inklużivi u reżiljenti, issaħħaħ il-koeżjoni soċjali, ċivika u territorjali, u tejjeb ir-rabtiet bejn il-politiki fil-livell Ewropew u dak lokali b'inizzjattivi konkreti bħall-Belt Kapitali Ewropea taż-Żgħażaġħ u l-proġett taż-Żgħażaġħ fl-Azzjoni ta' Erasmus+ "Europe goes local" <sup>(26)</sup>. Fl-istess ħin, tagħti s-setgħa liż-żgħażaġh billi toħolqilhom opportunitajiet biex idaħħlu fil-prattika u jtejbu l-għarfien, il-ħiliet, il-kompetenzi u l-attitudnijiet li jeħtieġu biex jipparteċipaw bis-sħiħ f'soċjetajiet diversi u biex ikunu ppreparati għall-isfidi futuri.

<sup>(21)</sup> Strateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ, Anness 3, ibid.

<sup>(22)</sup> ĠU C 189, 5.6.2019, p. 1.

<sup>(23)</sup> "Insights into youth policy governance" (Tagħrif dwar il-governanza tal-politika għaż-żgħażaġh), Sħubija għaż-Żgħażaġħ, 2018, [https://pjp-eu.coe.int/documents/42128013/47261953/122018-Insights\\_web.pdf/99400a12-31e8-76e2-f062-95abec820808](https://pjp-eu.coe.int/documents/42128013/47261953/122018-Insights_web.pdf/99400a12-31e8-76e2-f062-95abec820808)

<sup>(24)</sup> ĠU C 193, 9.6.2020, p. 3.

<sup>(25)</sup> Id-Dikjarazzjoni Finali ta' Lisboa+21.

<sup>(26)</sup> <https://www.europegoeslocal.eu/about/>



29. It-trasformazzjoni diġitali tad-demokrazija tagħna <sup>(27)</sup> ġgħib magħha l-ħtieġa li jiġu esplorati u promossi forom innovattivi u alternattivi ta' parteċipazzjoni bħal pereżempju għodod tad-demokrazija diġitali, filwaqt li jingħarfu l-isfidi tal-partiċipazzjoni fl-ispazju diġitali u l-aċċess limitat ta' xi zghażaġh għall-internet jew għat-teknoloġiji diġitali, jew in-nuqqas tal-ħiliet u l-għarfien meħtieġa biex jużawhom. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu pprovduti aċċess u soluzzjonijiet imfassla apposta biex jappoġġaw il-partiċipazzjoni taż-zghażaġh fil-ħajja demokratika b'mezzi diġitali u jinvolvu liż-zghażaġh b'mod inklużiv.
30. Għandu jkompli jingħata aktar appoġġ lil politiki li joħlqu aktar opportunitajiet għaż-zghażaġh u jippermettu l-partiċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà. F'dan il-kuntest, irid jissaħħaħ ir-rwol tal-ħidma fost iż-zghażaġh, tat-tagħlim mhux formali u informali u tad-djalogu effettiv maż-zghażaġh kollha, fil-qafas ta' approċċ transsettorjali għal oqsma bħall-politika soċjali, l-impjiegi, l-edukazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni, il-kultura u l-ambjent.
31. Għall-partiċipazzjoni effettiva taż-zghażaġh <sup>(28)</sup> fis-soċjetà, iridu jitqiesu xi aspetti importanti, pereżempju: mappa tal-governanza tal-politika dwar iż-zghażaġh; tagħlim komparattiv <sup>(29)</sup> dwar il-mekkaniżmi tal-politika dwar iż-zghażaġh fil-livelli kollha; taħriġ ta' uffiċjali pubbliċi dwar kwistjonijiet ta' partiċipazzjoni taż-zghażaġh; u l-identifikazzjoni tar-rwol u r-responsabbiltajiet taż-zghażaġh fit-tfassil, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki.

JIEĦDU NOTA TA':

32. L-ideat u l-opinjoni taż-zghażaġh kondiviżi fil-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ f'Marzu 2021, li fiha z-zghażaġh iddeskrivew għadd ta' inizjattivi li jipprovdu ispirazzjoni siewja għal azzjoni lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, lill-organizzazzjonijiet taż-zghażaġh u liż-zghażaġh infushom, sabiex tiġi promossa d-demokrazija fost iż-zghażaġh fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew. Dawn l-ideat u l-opinjoni jikkonċernaw:
- l-istabbiliment ta' mekkaniżmi fil-livelli rilevanti biex iż-zghażaġh jiġu kkonstati dwar kwistjonijiet ta' politika nazzjonali, reġjonali u lokali;
  - l-organizzazzjoni ta' tagħlim mhux formali u taħriġ fir-rappreżentanza ta' interessi għaż-zghażaġh, inkluż għal dawk b'inqas opportunitajiet;
  - it-tnaqqis tal-età u d-drittijiet tal-vot għal 16-il sena, flimkien mal-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza, sabiex iż-zghażaġh jiġu mħeġġa u jingħataw is-setgħa biex jipparteċipaw b'mod attiv fl-elezzjonijiet;
  - l-identifikazzjoni u l-promozzjoni tal-użu ta' spazji pubbliċi disponibbli għaż-zghażaġh, kif ukoll is-simplifikazzjoni ta' dik l-informazzjoni;
  - l-iżvilupp konġunt u l-adozzjoni ta' linji gwida u tikketti ta' kwalità tal-UE sabiex jiġi żgurat aċċess għaż-zghażaġh kollha għal spazji diġitali adattati għalihom, sikuri u inklużivi;
  - il-ħolqien ta' pjattaformi biex tingħata assistenza lill-inizjattivi minn isfel għal fuq immexxija miż-zghażaġh u lill-organizzazzjonijiet taż-zghażaġh fil-livell lokali u reġjonali;
  - l-espansjoni tal-kurrikulu skolastiku u d-diversifikazzjoni tal-partijiet ikkonċernati permezz tal-inklużjoni ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi sabiex jitravwem l-iżvilupp tal-ħsieb kreattiv, iċ-ċittadinanza attiva u l-prattika tat-teħid ta' deċiżjonijiet permezz tal-edukazzjoni mhux formali.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI, F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ U FIL-LIVELLI XIERQA, BIEX:

33. Jagħtu s-setgħa liż-zghażaġh kollha permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ, informazzjoni orjentata lejn iż-zghażaġh, feedback, it-tagħlim mhux formali u informali, il-ħidma fost iż-zghażaġh u prattiki oħra li jikkontribwixxu għall-partiċipazzjoni infurmata u kritika fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet f'diversi livelli.

<sup>(27)</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-pjan ta' azzjoni Ewropew għad-demokrazija, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM%3A2020%3A790%3AFIN&qid=1607079662423>

<sup>(28)</sup> "Insights into youth policy governance", Sħubija għaż-Żgħażaġħ, 2018, [https://pjp-eu.coe.int/documents/42128013/47261953/122018-Insights\\_web.pdf/99400a12-31e8-76e2-f062-95abec820808](https://pjp-eu.coe.int/documents/42128013/47261953/122018-Insights_web.pdf/99400a12-31e8-76e2-f062-95abec820808)

<sup>(29)</sup> Ara d-definizzjoni fl-Anness.

34. Jippromwovu u jappoġġaw b'mod adegwat l-istabbiliment jew it-titjib ta' strutturi ta' governanza sostenibbli f'diversi livelli, sabiex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet kif ukoll fit-tfassil tal-aġendi, filwaqt li jinkoraġġixxu varjetà ta' soluzzjonijiet parteċipattivi mhux formali. Dan jeħtieġ ir-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, il-professionisti żgħażaġh, il-mexxejja taż-żgħażaġh <sup>(30)</sup>, l-iskejjel, l-għalliema, il-kowċis, il-ħarrieġa u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, l-appoġġ favurijom u l-involvement sħiħ tagħhom. Għandhom isiru sforzi speċifiċi biex isir kuntatt maż-żgħażaġh li mhumiex involuti fi strutturi u organizzazzjonijiet formali u biex dawn jingħataw is-setgħa.
35. Jippromwovu u jappoġġaw, speċjalment fi kwartieri żvantaġġati u f'żoni rurali u remoti, soluzzjonijiet fiżiċi, diġitali u ibridi aċċessibbli li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni u l-involvement effettivi taż-żgħażaġh kollha fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli kollha, b'mod li jkopri diversi setturi, sabiex dawn jingħataw spazji miftuħa u sikuri, kif ukoll opportunitajiet għall-iżvilupp personali, soċjali, kulturali u professjonali.
36. Jipprovd u opportunitajiet indaq s u ġusti, li jappoġġaw il-forom kollha ta' parteċipazzjoni u involvement taż-żgħażaġh fil-livelli kollha. Dan l-approċċ japplika għall-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw liż-żgħażaġh, pereżempju l-akkomodazzjoni, l-educazzjoni u l-impjiegi deċenti, l-iżvilupp sostenibbli, it-tibdil fil-klima, id-drittijiet tal-bniedem, l-ekwità u s-solidarjetà interġenerazzjonali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-impatt tad-diġitalizzazzjoni, f'konformità mal-impenn li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura" <sup>(31)</sup>.
37. Fejn xieraq, jistabbilixxu jew iżommu sinerġiji u kooperazzjoni bejn is-setturi u l-programmi ta' politika relatati maż-żgħażaġh, b'mod partikolari bejn l-educazzjoni u t-taħriġ fil-qasam tal-ħidma fost iż-żgħażaġh u r-riċerkaturi li jaħdmu fil-qasam taż-żgħażaġh, sabiex jitrawwem il-ħsieb kritiku, tingħata informazzjoni komprensiva dwar il-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli kollha u jiżdiedu l-fehim, l-impenn u l-parteċipazzjoni effettiva u sinifikanti taż-żgħażaġh.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM U FIL-LIVELLI XIERQA, B'RISPETT DOVUT GĦALL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX:

38. Jintegraw u jappoġġaw strutturi attivi u sostenibbli għall-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fl-iżvilupp ta' politiki għaż-żgħażaġh u maż-żgħażaġh fil-livelli kollha u fl-oqsma kollha, filwaqt li jingħataw aċċess għal data affidabbli, evidenza, u proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet responsabbli u rieżaminati regolarment, billi jibnu fuq proċessi ta' parteċipazzjoni bħad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u arranġamenti oħra fid-diversi oqsma ta' politika li għandhom l-għan li jrawmu l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh.
39. Jappoġġaw l-iżvilupp ulterjuri u r-rieżami ta' approċċi mmirati biex iżidu l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli kollha. Dan jista' jibni fuq kunċetti u mekkaniżmi eżistenti, kif ukoll fuq il-ħidma tal-Kunsill tal-Ewropa, l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'dan il-qasam. Dawn l-approċċi għandhom jinvolvu liż-żgħażaġh, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh (li jinkludu l-kunsilli lokali taż-żgħażaġh), il-prattikanti, ir-riċerkaturi fil-qasam tal-politika dwar iż-żgħażaġh u daw k li jfassluha, fil-livelli kollha u mis-setturi rilevanti kollha.
40. Jisfruttaw bis-sħiħ il-programmi rilevanti tal-UE (fost l-oħrajn l-Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà) biex jippromwovu u jappoġġaw l-għarfien, l-iskambju ta' Prattiki, u l-attivitajiet ta' taġħlim reċiproku, kif ukoll it-tfassil, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' mekkaniżmi ta' parteċipazzjoni taż-żgħażaġh abbażi ta' approċċ ta' governanza f'diversi livelli.
41. Fejn rilevanti, jużaw b'mod effettiv id-dashboard tal-politika dwar iż-żgħażaġh tal-UE <sup>(32)</sup> u jqisu kif xieraq il-valutazzjonijiet tal-impatt li, fost l-oħrajn, iqabblu l-ambitu tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-karatteristiċi reġjonali u lokali f'termini tad-demografija, il-benesseri, l-impenn demokratiku u l-iżvilupp sostenibbli.

<sup>(30)</sup> Għall-fini ta' dawn il-konklużjonijiet, il-mexxejja taż-żgħażaġh jinkludu wkoll żgħażaġh li jieħdu rwoli ta' tmexxija mingħajr ma jkunu jagħmlu parti minn organizzazzjoni jew struttura formali.

<sup>(31)</sup> Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli.

<sup>(32)</sup> Kif żviluppat mill-grupp ta' esperti stabbilit fl-2019, fil-kuntest tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ (2019-2027) u l-Pjan ta' Ħidma tagħha għall-2019-2021.

42. Ikomplu jrawmu d-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u l-gruppi ta' ħidma nazzjonali mwaqqfa fl-Istati Membri u, fejn xieraq, jirriżervaw rwol ewlieni għall-kunsilli nazzjonali taż-żgħażaġh, sabiex jisfruttaw dan il-qafas fi proċessi konsultattivi oħra, bħal dawk relatati mal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa u l-inizjattiva Bauhaus Ewropew Ġdid.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI:

43. Torganizza attività ta' taġlim bejn il-pari fil-qasam taż-żgħażaġh bl-objettiv li jiġu skambjati l-għarfien u l-esperjenza dwar kif tiġi promossa l-parteċipazzjoni effettiva taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli kollha u fl-oqsma kollha ta' politika, biex b'hekk jinħoloq fehim komuni tal-kunċett ta' governanza f'diversi livelli.
44. Tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-għarfien u tal-kapaċitajiet b'rabta mal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet f'diversi livelli, inkluż, fejn possibbli, permezz tal-Wiki taż-Żgħażaġħ, in-networks ta' rikerka taż-żgħażaġh u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Kunsill tal-Ewropa, in-Nazzjonijiet Uniti u l-OECD u korpi rilevanti oħra.
45. Fejn xieraq, tuża l-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ biex tikkomunika maż-żgħażaġh permezz ta' djalogi u konsultazzjonijiet online.

JISTIEDNU LILL-ATTURI KOLLHA INVOLUTI FL-ATTIVITAJIET TA' KOOPERAZZJONI EWROPEA FIL-QASAM TAŻ-ŻGĦAŻAĠH JISTINKAW BIEX:

46. Jistabbilixxu proċeduri trasparenti li jippermettu liż-żgħażaġh ikunu direttament involuti fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet, kemm individwalment, fil-każ ta' mexxejja taż-żgħażaġh, kif ukoll permezz ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, għalliema, rċerkaturi, ġurnalisti jew strutturi jew gruppi mhux formali oħra relatati maż-żgħażaġh. Din il-parteċipazzjoni għandha tindirizza l-kwistjonijiet kollha li jħallu impatt fuq il-ħajja taż-żgħażaġh, fuq bażi transsettorjali, filwaqt li tippromwovi s-sinerġiji u l-kooperazzjoni fi proċessi konġunti tat-teħid ta' deċiżjonijiet, responsabbiltajiet kondiviżi u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet.
47. Iwessgħu l-ambitu u l-firxa ta' opportunitajiet għall-partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni formali u t-taġlim informali u mhux formali biex jaġixxu flimkien biex iżidu l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet u biex jappoġġaw diversi forom ta' "kif wieħed jitgħallem jipparteċipa" minn età bikrija, peress li dan iżid il-possibbiltajiet ta' parteċipazzjoni tul il-ħajja <sup>(33)</sup>.

---

<sup>(33)</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kompetenzi ewlenin għat-taġlim tul il-ħajja (ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1).

## ANNEX

**Definizzjonijiet**

Għall-fini ta' dawn il-konklużjonijiet:

"*Governanza f'diversi livelli*" tirreferi għal strutturi u proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet, f'kuntesti formali u mhux formali, li jeżistu f'livelli territorjali differenti (minn dak lokali għal dak reġjonali, nazzjonali u Ewropew), bil-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u/jew organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, fejn id-deċiżjonijiet jittieħdu f'konformità mal-qbil bejn l-atturi kollha, b'mod orizzontali u/jew vertikali, abbażi tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, bil-għan li jittieħdu deċiżjonijiet u jiġu implimentati politiki fl-aktar livelli istituzzjonali u territorjali xierqa.

"*Livelli kollha*" tirreferi għal-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropej u globali, kif xieraq.

"*Tagħlim komparattiv*" huwa proċess li bih organizzazzjoni tkun tista' tqabbel il-prestazzjoni tagħha ma' dik ta' organizzazzjonijiet oħra. L-għan huwa li organizzazzjoni tislet tagħlimiet mill-punti b'saħħithom ta' organizzazzjonijiet oħra u minn dak li jagħmlu tajjeb, li tfittex ispirazzjoni għall-ħidma tagħha stess u li titgħallem ukoll mill-iżbalji. Dan hu proċess attiv u kontinwu u mhux biss tqabbil tal-indikaturi, il-fatti u l-miżuri.

**Referenzi**

Fl-adozzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill jieħdu nota ta' dan li ġej:

- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar it-trawwim tal-kuxjenza demokratika u l-involvement demokratiku fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa (ĠU C 415, 1.12.2020, p. 16)

[https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.C\\_.2020.415.01.0016.01.ENG&toc=OJ%3AC%3A2020%3A415%3ATOC](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.C_.2020.415.01.0016.01.ENG&toc=OJ%3AC%3A2020%3A415%3ATOC)

- Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-Qafas għall-istabbiliment ta' Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ (ĠU C 415, 1.12.2020, p. 1)

[https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.C\\_.2020.415.01.0001.01.ENG&toc=OJ%3AC%3A2020%3A415%3ATOC](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.C_.2020.415.01.0001.01.ENG&toc=OJ%3AC%3A2020%3A415%3ATOC)

- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-ħolqien ta' opportunitajiet għaż-żgħażaġh f'żoni rurali u remoti (ĠU C 193, 9.6.2020, p. 3)

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020XG0609%2801%29&qid=1609185718999>

- Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill li tistabbilixxi linji gwida dwar il-governanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ (ĠU C 189, 5.6.2019, p. 1)

[https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.C\\_.2019.189.01.0001.01.ENG&toc=OJ%3AC%3A2019%3A189%3AFULL](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.C_.2019.189.01.0001.01.ENG&toc=OJ%3AC%3A2019%3A189%3AFULL)

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol taż-żgħażaġh fil-bini ta' soċjetà sikura, koeżiva u armonjuża fl-Ewropa (ĠU C 195, 7.6.2018, p. 13)

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52018XG0607%2802%29>

- Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 (ĠU C 456, 18.12.2018, p. 1)

[https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1601482182235&uri=CELEX:42018Y1218\(01\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1601482182235&uri=CELEX:42018Y1218(01))

- Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni politika taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika fl-Ewropa (ĠU C 417, 15.12.2015, p. 10)

- <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A42015Y1215%2802%29&qid=1609181989853>
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1)
- [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.C\\_.2018.189.01.0001.01.ENG](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.C_.2018.189.01.0001.01.ENG)
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali (ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1)
- [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32012H1222\(01\)&from=EN](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32012H1222(01)&from=EN)
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-inkoraġġiment ta' forom ġodda u effettivi ta' parteċipazzjoni taż-żgħażaġh kollha fil-ħajja demokratika fl-Ewropa (ĠU C 169, 9.6.2011, p. 1)
- <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A42011Y0609%2801%29>
- Aġenda Strateġika Ġdida 2019-2024, Kunsill Ewropew
- <https://www.consilium.europa.eu/media/39914/a-new-strategic-agenda-2019-2024.pdf>
- Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2021
- [https://ec.europa.eu/info/publications/2021-commission-work-programme-key-documents\\_en](https://ec.europa.eu/info/publications/2021-commission-work-programme-key-documents_en)
- Eurofound (2020), Living, working and COVID-19, COVID-19 series (Il-ħajja, ix-xogħol u l-COVID-19, serje COVID-19),
- [https://www.eurofound.europa.eu/sites/default/files/ef\\_publication/field\\_ef\\_document/ef20059en.pdf](https://www.eurofound.europa.eu/sites/default/files/ef_publication/field_ef_document/ef20059en.pdf)
- COM(2020) 790 final - Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-pjan ta' azzjoni Ewropew għad-demokrazzija
- <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM%3A2020%3A790%3AFIN&qid=1607079662423>
- It-Tielet Konvenzjoni Ewropea dwar il-Hidma fost iż-Żgħażaġh, Dikjarazzjoni Finali
- [https://www.eywc2020.eu/downloads/doctrine/WebforumVeranstaltungenWebsiteBundle:Media-file-54/3rdEYWC\\_finaldeclaration.pdf](https://www.eywc2020.eu/downloads/doctrine/WebforumVeranstaltungenWebsiteBundle:Media-file-54/3rdEYWC_finaldeclaration.pdf)
- L-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli
- Riżoluzzjoni tal-AĠNU A/RES/70/1, adottata fil-25 ta' Settembru 2015
- [https://www.un.org/ga/search/view\\_doc.asp?symbol=A/RES/70/1&Lang=E](https://www.un.org/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/RES/70/1&Lang=E)
- Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989
- [https://treaties.un.org/pages/ViewDetails.aspx?src=IND&mtdsg\\_no=IV-11&chapter=4&lang=enhttps://ec.europa.eu/anti-trafficking/sites/default/files/un\\_convention\\_on\\_the\\_rights\\_of\\_the\\_child\\_1.pdf](https://treaties.un.org/pages/ViewDetails.aspx?src=IND&mtdsg_no=IV-11&chapter=4&lang=enhttps://ec.europa.eu/anti-trafficking/sites/default/files/un_convention_on_the_rights_of_the_child_1.pdf)
- Il-Programm Dinji ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ tan-Nazzjonijiet Uniti
- <https://www.un.org/esa/socdev/unyin/documents/wpay2010.pdf>
- "Revised European Charter on the Participation of Young People in Local and Regional Life, 'Have Your Say!'" (Karta Ewropea riveduta dwar il-Parteċipazzjoni taż-Żgħażaġh fil-Hajja Lokali u Reġjonali, "Semma' Lehnek!"), Kunsill tal-Ewropa
- <https://rm.coe.int/1680702379>
- "Revised European Charter on the Participation of Young People in Local and Regional Life, Congress of Local and Regional Authorities" (Karta Ewropea riveduta dwar il-Parteċipazzjoni taż-Żgħażaġħ fil-Ħajja Lokali u Reġjonali, Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali), Kunsill tal-Ewropa
- <https://rm.coe.int/168071b4d6>
- Kunsill tal-Ewropa, "Recommendation CM/Rec(2012)2 of the Committee of Ministers to member States on the participation of children and young people under the age of 18" (Rakkomandazzjoni CM/Rec(2012)2 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati membri dwar il-parteeċipazzjoni tat-tfal u ż-żgħażaġh taht l-età ta' 18-il sena)
- <https://rm.coe.int/168046c478>

- "Youth Participation in Democratic Life" (Il-Parteċipazzjoni taż-Żgħażaġħ fil-Ħajja Demokratika), EACEA, 2013  
<https://www.lse.ac.uk/business-and-consultancy/consulting/assets/documents/youth-participation-in-democratic-life.pdf>
- COM(2018) 269 final - SWD(2018) 168 final - Riżultati tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni fil-qasam taż-żgħażaġh 2010-2018, li jakkumpanja d-dokument Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - L-Impenn, il-Konnessjoni u l-Ġhoti tas-Setgħa liż-żgħażaġh: Strateġija tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ  
<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A52018SC0168>
- "Insights into youth policy governance" (Tagħrif dwar il-governanza tal-politika għaż-żgħażaġh), Sħubija għaż-Żgħażaġħ, 2018  
[https://pjp-eu.coe.int/documents/42128013/47261953/122018-Insights\\_web.pdf/99400a12-31e8-76e2-f062-95abec820808](https://pjp-eu.coe.int/documents/42128013/47261953/122018-Insights_web.pdf/99400a12-31e8-76e2-f062-95abec820808)
- "New and innovative forms of youth participation in decision-making processes" (Forum ġodda u innovattivi ta' parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet), Kunsill tal-Ewropa, Ottubru 2017  
<https://rm.coe.int/new-and-innovative-forms-of-youth-participation-in-decision-making-pro/1680759e6a>
- Dokument analitiku dwar il-Parteċipazzjoni taż-Żgħażaġh, "Young people political participation in Europe: What do we mean by participation?" (Il-parteċipazzjoni politika taż-żgħażaġh fl-Ewropa: X'nifhemu b'parteċipazzjoni?), Shubija għaż-Żgħażaġh  
<https://pjp-eu.coe.int/documents/42128013/47261980/What+is+youth+participation.pdf/223f7d06-c766-41ea-b03c-38565efa971a>
- Partnership between the EU and the CoE in the field of youth (Shubija bejn l-UE u l-KtE fil-qasam taż-żgħażaġh), 2020  
<https://pjp-eu.coe.int/en/web/youth-partnership>  
<https://pjp-eu.coe.int/en/web/youth-partnership/covid-19>  
<https://pjp-eu.coe.int/en/web/youth-partnership/latest-update-and-analysis>
- Parlament Ewropew, "COVID-19: MEPs ask to prevent lasting damage on youth and on sport" (COVID 19: Il-membri tal-PE jitolbu għall-prevenzjoni ta' ħsara dejjiema liż-żgħażaġh u lill-isport) (27 ta' Jannar 2021)  
<https://www.europarl.europa.eu/news/en/press-room/20210122IPR96224/covid-19-meps-ask-to-prevent-lasting-damage-on-youth-and-on-sport>
- OECD Policy Responses to Coronavirus (COVID-19) (Risposti Strateġiċi tal-OECD għall-Coronavirus), "Youth and COVID-19: Response, recovery and resilience" (Iż-żgħażaġh u l-COVID-19: Rispons, irkupru u reżiljenza" (11 ta' Ġunju 2020)  
<https://www.oecd.org/coronavirus/policy-responses/youth-and-covid-19-response-recovery-and-resilience-c40e61c6/#endnotea0z6>
- ILO, Youth employment (Impjieġ taż-żgħażaġh)  
<https://www.ilo.org/global/topics/youth-employment/lang-en/index.htm>
- "Seven key findings from the Youth Governance Survey" (Seba' sejbiet ewlenin mill-Istħarriġ dwar il-Governanza taż-Żgħażaġh), OECD  
<http://www.oecd.org/mena/governance/seven-key-findings-from-the-youth-governance-survey.pdf>
- Id-dikjarazzjoni ta' Lisboa+21 dwar il-Politiki u l-Programmi dwar iż-Żgħażaġħ, 2019  
<https://www.lisboa21.gov.pt/en/content/declaracao/declaration.html>
- Inizjattiva Bauhaus Ewropew Ġdid  
[https://europa.eu/new-european-bauhaus/index\\_mt](https://europa.eu/new-european-bauhaus/index_mt)

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Teknoloġiji tad-Data  
għal Titjib tar-“Regolamentazzjoni Aħjar”**

(2021/C 241/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. JIRRIKONOXXI li l-irkupru mill-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 huwa sfida ekonomika u soċjali li qed tiffaċċa l-UE, u JTENNI li, biex jirreaġixxi għal dik l-isfida, il-qafas regolatorju tal-UE jeħtieġ li jkun kemm jista' jkun kompetittiv, effettiv, effiċjenti, koerenti, prevedibbli, favorevoli għall-innovazzjoni, validu għall-futur, sostenibbli u reżiljenti <sup>(1)</sup>.
2. JIRRIKONOXXI li r-Regolamentazzjoni Aħjar trid tkun fuq quddiem fl-aġenda u tiegħu approċċ globali u wiesa' sabiex tikkontribwixxi għat-tkabbir, il-kompetittività, il-benesseri soċjali u, fost l-oħrajn, għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tal-Unjoni u l-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku.
3. ITENNI li r-Regolamentazzjoni Aħjar hija wieħed mill-muturi ewlenin ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv, filwaqt li trawwem il-kompetittività u l-innovazzjoni, tippermetti d-diġitalizzazzjoni u l-ħolqien tal-impjegi, u żżid it-trasparenza u l-appoġġ pubbliku għal-leġiżlazzjoni tal-UE; f'dan ir-rigward, JIRREFERI għall-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2014 <sup>(2)</sup>, Mejju 2016 <sup>(3)</sup>, Novembru 2018 <sup>(4)</sup>, Novembru 2019 <sup>(5)</sup> u Frar u Novembru 2020 <sup>(6)</sup>; IFAKKAR fir-responsabbiltà konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li jipprovdu leġiżlazzjoni tal-Unjoni ta' kwalità għolja, kif rikonossut minn dawn it-tliet istituzzjonijiet fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet <sup>(7)</sup>.
4. JIRRIKONOXXI li l-UE u l-Istati Membri tagħha qed jiffaċċaw bidliet ambjentali, teknoloġiċi u soċjetali kostanti u xi kultant ta' tfixkil, u li l-leġiżlazzjoni tal-UE u l-proċeduri ta' appoġġ għandhom ikunu kapaċi jadattaw għal dawn il-bidliet u jkunu mħejjija għal sfidi ġodda.
5. JISSOTTOLINJA li t-teknoloġiji tad-data jistgħu jikkontribwixxu għal valutazzjonijiet tal-impatt, evalwazzjonijiet u prospettiva aktar effettivi, aktar effiċjenti, li jieħdu inqas ħin u aktar robusti, b'appoġġ għal leġiżlazzjoni ta' kwalità għolja, adattiva u inqas ta' piż.
6. JINNOTA li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Regolazzjoni aħjar: nagħtu rendikont u nżommu l-impenn tagħna” ta' April 2019 <sup>(8)</sup>, li tiddikjara li “Għodod ta' regolamentazzjoni aħjar huma applikati f'dinja li dejjem tinbidel fejn l-isfidi u l-prijoritajiet politiċi jevolvu b'mod kostanti. (...) F'dinja dejjem aktar kumplessa, huwa dejjem aktar importanti li wieħed jifhem l-impatti transsettorjali u li jidentifika l-opportunitajiet biex jiġu żviluppati sinerġiji u jiġu implimentati t-tweġibiet politiċi xierqa matul iċ-ċiklu sħiħ tal-politika mill-evalwazzjoni sal-implimentazzjoni” <sup>(9)</sup>; barra minn hekk, JIEĦU NOTA tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “L-Intelliġenza Artifiċjali għall-Ewropa” ta' April 2018 <sup>(10)</sup>, “Strateġija Ewropea għad-Data” ta' Frar 2020 <sup>(11)</sup>, il-“White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali” ta' Frar 2020 <sup>(12)</sup>, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill “It-Tiswir tal-Futur Diġitali tal-Ewropa” ta' Ġunju 2020 <sup>(13)</sup> kif ukoll il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) <sup>(14)</sup> ta' April 2021.

<sup>(1)</sup> 13026/20

<sup>(2)</sup> 16000/14

<sup>(3)</sup> 95/80/16

<sup>(4)</sup> 14137/18

<sup>(5)</sup> 14656/19

<sup>(6)</sup> 6232/20 u 13026/20

<sup>(7)</sup> Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (premissa 2).

<sup>(8)</sup> 8648/19 + ADD 1

<sup>(9)</sup> Paġna. 4, l-ewwel paragrafu

<sup>(10)</sup> 8507/18 + ADD 1

<sup>(11)</sup> 6250/20

<sup>(12)</sup> 6266/20

<sup>(13)</sup> 8711/20

<sup>(14)</sup> ST 8115/21 + ADD 1 - 5

### Leġiżlazzjoni li tibqa' valida fil-futur u reżiljenti

7. JAPPOĠĠA l-impenn kontinwu tal-Kummissjoni li tippovdi leġiżlazzjoni effettiva, effiċjenti, li tibqa' valida fil-futur u teknoloġikament newtrali f'konformità mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar, bil-għan li tippromwovi l-kompetittività u r-reżiljenza tal-ekonomija tal-UE, il-benesseri soċjali u l-funzjonament tas-Suq Uniku, issaħħaħ il-pożizzjoni tal-UE bħala mexxejja fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u tirrispetta l-valuri tal-Unjoni Ewropea u l-kapaċità tal-ġenerazzjonijiet futuri li jiżviluppaw.
8. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex issaħħaħ l-isforzi tagħha biex tinvolvi lill-pubbliku u lill-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fl-applikazzjoni tal-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir", fil-proċess tat-teħid tad-deċizzjonijiet biex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni tal-UE tkun ċara, tippovdi l-benefiċċji mistennija u ma toħloqx piżijiet bla bżonn, filwaqt li tibqa' valida fil-futur u tiffavorixxi l-innovazzjoni; JINNOTA li l-għodod diġitali jistgħu jkunu ta' għajnunha fil-għbir u l-analiżi tal-kontributi tal-partijiet ikkonċernati.

### Teħid ta' deċizzjonijiet ibbażat fuq l-evidenza

9. JENFASIZZA li proċess ta' teħid ta' deċizzjonijiet robust u bbażat fuq l-evidenza huwa rekwiżit ewlieni għall-antiċipazzjoni tal-potenzjal u r-riskji tat-teknoloġiji emerġenti u għar-rispons għat-tibdil fil-klima.
10. JINNOTA l-ħtieġa għal data affidabbli u ta' kwalità għolja, miġbura maż-żmien mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għal valutazzjonijiet tal-impatt, evalwazzjonijiet u prospettiva fil-livell tal-UE; JISTIEDEN lill-Kummissjoni ttejjeb il-kapaċità tagħha li taġġorna regolament u timmassimizza l-aċċess miftuħ u l-użu (mill-ġdid) tad-data eżistenti rilevanti għal proċess ta' teħid ta' deċizzjonijiet sod u bbażat fuq l-evidenza.

### Teknoloġiji tad-data li jappoġġaw Regolamentazzjoni Aħjar

11. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jużaw it-teknoloġiji tad-data biex jappoġġaw il-proċess leġiżlattiv, b'mod partikolari l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi tal-valutazzjonijiet tal-impatt, l-infurzar u l-konformità, filwaqt li jikkontribwixxu għall-identifikazzjoni tal-potenzjal ta' tnaqqis tal-piż fil-leġiżlazzjoni l-ġdida u eżistenti tal-UE u jappoġġaw il-formulazzjoni ta' leġiżlazzjoni aktar teknoloġikament newtrali, immirata, li tibqa' valida fil-futur u ta' kwalità għolja.
12. JIRRIKONOXXI li t-teknoloġiji tad-data jistgħu jgħinu fit-titjib tal-valutazzjoni tar-riskju<sup>(15)</sup> u jagħmlu r-regolamentazzjoni aktar reattiva għal dinja li qed tinbidel malajr, kif ukoll immirata aħjar għall-ħtiġijiet, il-perċezzjonijiet u l-aspettattivi taċ-ċittadini, l-amministrazzjonijiet u n-negozji.
13. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jseguw approċċ iċċentrat fuq il-bniedem ibbażat fuq il-valuri u d-drittijiet fundamentali meta jużaw teknoloġiji tad-data, bħall-intelliġenza artifiċjali, sabiex jiġi żgurat kemm jista' jkun l-użu ta' sorsi u metodi ta' data ta' kwalità għolja; jartikolaw u jimfuzaw standards etiċi b'rispett dovut għall-prinċipji ewlenin, filwaqt li jiżguraw is-sigurtà taċ-ċittadini u jissodisfaw l-aspettattivi leġittimi tagħhom; u jimmaniġġaw ir-riskji assoċjati mal-protezzjoni, il-privatezza u l-integrità tad-data, biex jiġu żgurati n-nondiskriminazzjoni u d-dinjità tal-bniedem.
14. JENFASIZZA l-importanza ta' kollaborazzjoni fil-livelli tal-UE, nazzjonali u reġjonali fl-applikazzjoni tat-teknoloġiji tad-data biex jittejjeb iċ-ċiklu ta' politika tal-UE, inkluż il-fażi ta' implimentazzjoni, li tikkontribwixxi għall-isforzi tal-Unjoni Ewropea biex tpoġġi lilha nnifisha fi rwol ta' mexxejja dinjija f'ekonomija mmexxija mid-data.
15. JAPPELLA għall-ħolqien ta' spazji komuni Ewropej tad-data, kif imsemmi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Strateġija Ewropea għad-Data" ta' Frar 2020<sup>(16)</sup>, li għandhom ikunu sempliċi u mibnija fuq għodod interoperabbli biex jiġi żgurat skjerament rapidu u effiċjenti, li jippermetti, jekk possibbli u fejn adatt, li d-data tiġi amalgamata u kondiviża mill-Istati Membri biex jittejjeb l-użu ta' għodod ta' regolamentazzjoni aħjar, filwaqt li jiġu pprovduti sigurtà u protezzjoni tad-data robusti f'konformità mal-liġi tal-UE.

<sup>(15)</sup> Strumenti għal Regolamentazzjoni Aħjar, l-istrument #15

<sup>(16)</sup> 6250/20.



16. JENFASIZZA li l-informazzjoni tas-settur pubbliku għandha tkun disponibbli għall-pubbliku kull meta jkun possibbli u xieraq, biex titrawwem it-trasparenza u l-użu mill-ġdid tad-data, f'konformità mad-Direttiva dwar id-Data Miftuħa <sup>(17)</sup> u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data <sup>(18)</sup>, speċjalment biex jittejbu l-valutazzjonijiet tal-impatt, l-evalwazzjonijiet u l-prospettiva fil-livell tal-UE.
17. JAPPELLA GĦAL sforz komuni biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Ewropa, u biex jitfasslu politiki aħjar u qafas regolatorju li jibqa' validu għall-futur, aktar favorevoli għall-innovazzjoni, prevedibbli, konsistenti u effiċjenti li jkun kapaċi jkseb riżultati konkreti b'mod partikolari fl-irkupru ekonomiku u soċjali ta' wara l-COVID-19.
18. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tinkludi l-użu tat-teknoloġiji tad-data fl-Istrumenti għal Regolamentazzjoni Aħjar tagħha biex tappoġġa l-passi tat-tfassil tal-liġijiet, mill-valutazzjonijiet tal-impatt għall-attivitajiet taħt il-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT).
19. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jingħaqdu fil-livell tal-UE biex jikkunsidraw kif jipromwovu l-użu ta' teknoloġiji tad-data b'appoġġ għal leġislazzjoni mmexxija mid-data, diġitali b'mod awtomatiku u ta' kwalità għolja, b'kont debitu meħud tal-qafas ġenerali ta' Regolamentazzjoni Aħjar.

---

<sup>(17)</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

<sup>(18)</sup> Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

### Rata tal-kambju tal-euro <sup>(1)</sup>

It-18 ta' Ġunju 2021

(2021/C 241/05)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,1898	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4721
JPY	Yen Ġappuniż	131,12	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,2379
DKK	Krona Daniża	7,4364	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,7069
GBP	Lira Sterlina	0,85785	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5978
SEK	Krona Żvediża	10,2330	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 347,13
CHF	Frank Żvizzeru	1,0941	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	16,8223
ISK	Krona Iżlandiża	146,40	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,6619
NOK	Krona Norveġiża	10,2868	HRK	Kuna Kroata	7,4985
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	17 174,78
CZK	Krona Ċeka	25,519	MYR	Ringgit Malażjan	4,9246
HUF	Forint Ungeriż	355,41	PHP	Peso Filippin	57,616
PLN	Zloty Pollakk	4,5492	RUB	Rouble Russu	86,0172
RON	Leu Rumun	4,9249	THB	Baht Tajlandiż	37,419
TRY	Lira Turka	10,3459	BRL	Real Brażiljan	5,9575
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5832	MXN	Peso Messikan	24,3373
			INR	Rupi Indjan	88,0297

<sup>(1)</sup> Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

## Avviż tal-Kummissjoni dwar ir-rati ta' interess ta' rkupru tal-għajna mill-Istat u r-rati ta' referenza / ta' skont applikabbli mill-1 ta' Lulju 2021

(Ippubblikat f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794 /2004 <sup>(1)</sup> tal-21 ta' April 2004)

(2021/C 241/06)

Ir-rati ta' bażi huma kkalkulati f'konformità mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu għall-istabbiliment tar-rati ta' referenza u ta' skont (ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6). Skont l-użu tar-rata ta' referenza, il-marġini xierqa għad iridu jkunu ddefiniti f'din il-komunikazzjoni. Għar-rata ta' skont dan ifisser li kellu jiġi miżjud marġini ta' 100 punti bażi. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tal-30 ta' Jannar 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004 jipprevedi li, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'deċiżjoni speċifika, ir-rata ta' rkupru tiġi kkalkulata wkoll biż-żieda ta' 100 punti bażi għar-rata bażi.

Ir-rati modifikati huma indikati b'tipa grassa.

It-tabella preċedenti kienet ippubblikata fil-ĠU C 201, 28.5.2021, p. 10.

Minn	Sa	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HR	HU	IE	IT	LT	LU	LV	MT	NL	PL	PT	RO	SE	SI	SK	UK
1.7.2021	...	-0,45	-0,45	0,00	-0,45	<b>0,60</b>	-0,45	0,04	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	0,22	<b>0,93</b>	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	0,15	-0,45	1,75	0,01	-0,45	-0,45	0,15
1.6.2021	30.6.2021	-0,45	-0,45	0,00	-0,45	0,50	-0,45	0,04	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	0,22	0,80	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	0,15	-0,45	1,75	0,01	-0,45	-0,45	<b>0,15</b>
1.5.2021	31.5.2021	-0,45	-0,45	0,00	-0,45	0,50	-0,45	0,04	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	0,22	0,80	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	0,15	-0,45	1,75	<b>0,01</b>	-0,45	-0,45	0,11
1.4.2021	30.4.2021	-0,45	-0,45	0,00	-0,45	<b>0,50</b>	-0,45	0,04	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	0,22	0,80	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	0,15	-0,45	<b>1,75</b>	-0,02	-0,45	-0,45	0,11
1.3.2021	31.3.2021	-0,45	-0,45	0,00	-0,45	0,44	-0,45	<b>0,04</b>	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	0,22	0,80	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	<b>0,15</b>	-0,45	2,07	-0,02	-0,45	-0,45	<b>0,11</b>
1.2.2021	28.2.2021	-0,45	-0,45	0,00	-0,45	0,44	-0,45	<b>0,05</b>	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	0,22	0,80	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	-0,45	<b>0,19</b>	-0,45	2,07	<b>-0,02</b>	-0,45	-0,45	<b>0,12</b>
1.1.2021	31.1.2021	<b>-0,45</b>	<b>-0,45</b>	<b>0,00</b>	<b>-0,45</b>	<b>0,44</b>	<b>-0,45</b>	<b>0,06</b>	<b>-0,45</b>	<b>-0,45</b>	<b>-0,45</b>	<b>-0,45</b>	<b>-0,45</b>	<b>0,22</b>	<b>0,80</b>	<b>-0,45</b>	<b>-0,45</b>	<b>-0,45</b>	<b>-0,45</b>	<b>-0,45</b>	<b>-0,45</b>	<b>-0,45</b>	<b>0,23</b>	<b>-0,45</b>	<b>2,07</b>	<b>0,00</b>	<b>-0,45</b>	<b>-0,45</b>	<b>0,15</b>

<sup>(1)</sup> ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.

V

(Avviżi)

**PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI****IL-KUMMISSJONI EWROPEA****Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Il-Każ M.10264 — SoftBank/Altor Fund Manager/Iyuno)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 241/07)

1. Fil-11 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- SoftBank Group ("SoftBank", il-Ġappun),
- Altor Fund Manager AB ("Altor Fund Manager", l-Isvezja),
- Iyuno Sweden Holding I AB ("Iyuno", l-Isvezja).

SoftBank u Altor Fund Manager jakkwistaw il-kontroll bi sħab ta' Iyuno, li bħalissa hija kkontrollata biss minn Alton Fund Manager, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3 (4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- SoftBank: SoftBank huwa l-kumpanija prinċipali ta' portafoll globali ta' sussidjarji u affiljati involuti fit-telekomunikazzjonijiet avvanzati, is-servizzi tal-internet, l-Internet tal-Oġġetti, ir-robotika u l-fornituri tat-teknoloġija tal-enerġija nadifa,
- Altor Fund Manager: Altor Fund Manager tiġġestixxi l-fond ta' grupp ta' fondi ta' ekwità privata, inkluż Altor Fund IV li huwa l-fond Altor li għamel l-investiment f'Iyuno. Altor Fund IV hija fond ta' ekwità privata li tiffoka fuq investimenti fis-segment tas-suq medju tar-reġjun Nordiku,
- Iyuno: kumpanija globali tat-teknoloġija tad-divertiment u tal-lokalizzazzjoni tal-media. Iyuno tipprovdi servizzi ta' dubbing, sottotitolat u inġinerija tal-media faktar minn 100 lingwa lill-industrija tal-media u d-divertiment. Il-kumpanija tħaddem network ta' studios ta' reġistrazzjoni madwar id-dinja, li jikkonsisti minn 67 faċilità lokali bi sjieda sħiħa, mifruxa f' 34 pajjiż fl-Ewropa, l-Asja u l-Ameriki.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taq' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

(<sup>1</sup>) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(?)</sup> jenħtieġ li jiġi nmutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li gejjja dejjem tiġi speċifikata:

M.10264 — SoftBank/Altor Fund Manager/Iyuno

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles / Brussel  
BELGIQUE / BELGIË

---

(?) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Il-Każ M.10250 — Accor/Keys/Hotel Portfolio)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 241/08)

1. Fil-11 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriża li ġejjin:

- Keys REIM ("Keys", Franza), li finalment huma kkontrollati mill-grupp BPCE ("BPCE", Franza),
- Accor SA ("Accor", Franza),
- Hotel Portfolio (Franza).

Keys, permezz ta' impriża bi sħab ġdida (joint venture, JV) (LeaseCo, Franza) u Accor, permezz ta' impriża bi sħab ġdida (ManCo, Franza) jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3 (4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-Hotel Portfolio.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- Keys: kumpanija tal-ġestjoni tal-assi speċjalizzata fl-akkwiżizzjoni u l-ġestjoni ta' assi immobijari, li finalment hija kkontrollata mill-grupp bankarju Franċiż BPCE. L-assi ġestiti minn Keys jinsabu prinċipalment fi Franza,
- Accor: grupp ta' lukandi li l-ishma tiegħu huma kkwotati f'NYSE Euronext Paris. Accor hija prinċipalment attiva fis-settur tal-lukandi bħala maniġer tal-lukandi u franchisor fl-Ewropa, l-Asja, il-Lvant Nofsani, l-Afrika, l-Amerka ta' Fuq u Ċentrali u l-Amerka t'Isfel. Accor tmexxi wkoll b'mod marġinali negozju ta' każinò,
- Hotel Portfolio: jikkonsisti minn 17-il lukanda kummerċjali u sitt lukandi pipeline, l-aktar tal-kategoriji ta' kumdità fuq skala medja u fuq skala kbira, li jinsabu fl-Awstrija (Vjenna), id-Danimarka (Kopenġagen), il-Ġermanja (Berlin, Cologne, Dusseldorf, Frankfurt, Hamburg, Munich), Franza (Bordeaux, Hossegor, Lyon, Marsilja, Pariġi), l-Italja (Firenze) u l-Iżvizzera.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10250 — Accor/Keys/Hotel Portfolio

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles / Brussel  
BELGIQUE / BELGIË

---





ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)